may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

21st October, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of Supply Learning Support Educator in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the position of Supply Learning Support Educator (SLSE) in the Ministry for Education, Sport Youth, Research and Innovation to serve in Malta and/or Gozo for a definite period, as and when required.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1. Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' sena (1) skolastika jew anqas bħala SLSE fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2. Il-pożizzjoni ta' SLSE hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.3. Peress li din hi pożizzjoni ta' natura temporanja u suġġetta għal klawsola 1.5 tal-Memorandum tal-Ftehim iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Malta Union of Teachers (MUT) fis-26 ta' Mejju, 2009, il-pożizzjoni ta' SLSE taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4. Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' SLSE huwa ekwivalenti għall-minimu ta' Skala ta' Salarju 15 li fl-2022 huwa ta' €15,717 fis-sena.

3.2. Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' SLSE jinkludu li:

a. Għajnuna fit-Tagħlim

i. Jagħti għajnuna u jikkollabora mal-għalliema tal-klassi u ma' kollegi oħra. Taħt il-gwida tal-għalliema tal-klassi, jassisti fl-edukazzjoni tal-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikolari, ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali biex jiġi provdut il-ħtiġiet kurrikulari ta' studenti individwali;

ii. Jipparteċipa bi sħiħ fis-sessjonijiet tal-Making Action Plans (MAPs);

iii. Flimkien mal-għalliema tal-klassi, jiżviluppa u jwettaq il-programm individwali edukattiv (IEP) billi jadatta l-pjanijiet tal-lezzjoni u r-riżorsi;

Duration of Assignment and Conditions

2.1. A selected candidate will enter into a one (1) scholastic year assignment or less as SLSE in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, which may be renewed for further periods.

2.2. The position of SLSE is subject to a probationary period of six (6) months.

2.3. Since this is a position of an entirely temporary nature and is governed by clause 1.5 of the Memorandum of Understanding signed between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers (MUT) on the 26th of May, 2009, the position of SLSE constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4. An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

Salary Pegged to the Position

3.1. The Salary attached to the position of SLSE is equivalent to the minimum of Salary Scale 15 which in year 2022 is €15,717 per annum.

3.2. An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

Duties

4. The job duties for the position of SLSE include:

a. Learning Support

i. Supports and collaborates with the class teacher and other colleagues. Under the guidance of the class teacher, assists in the education of all pupils in class, in particular pupils with special educational needs so that their individual curricular entitlement is ensured and their learning needs are catered for;

ii. Participates fully in Making Action Plans sessions (MAPs);

iii. Together with the class teacher, develops and implements an Individual Educational Programme (IEP) by adapting the lesson plans and resources;

iv. Jattendi laqgħat tal-IEP u tal-Individual Transition Plan;

v. Jirrevedi IEPs, inkluż li jżomm rekord ta' u jirrapporta dwar il-progress ta' programmi simili fuq bażi regolari;

vi. Jagħti appoġġ lill-għalliema tal-klassi biex jiġi preparat u miktub id-dokument tal-IEP għal kull student fil-klassi li għandu statement;

vii. Jgħin fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u jieħu sehem attiv fl-oqsma kollha tal-proċess edukattiv fil-klassi taħt id-direzzjoni tal-għalliema fil-klassi;

viii. Id f'id mal-għalliema tal-klassi, jieħu sehem fl-osservazzjoni, l-assessjar u d-dokumentazzjoni tal-ħidma u tal-imġiba tal-istudenti inklużi;

ix. Jipparteċipa fi programmi rispettivi li jiffaċilita l-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għal ieħor, minn skola għall-oħra, u mill-iskola għall-post tax-xogħol billi jagħti l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti lill-kollegi konċernati u indikati ħalli ssir tranżizzjoni bla skossi għall-istudent;

x. Jippromovi komunità inklussiva ta' studenti, f'kollaborazzjoni mal-Kap ta' Dipartimenti (Inklużjoni), speċjalisti, resource workers, għalliema, ġenituri, studenti u stakeholders oħra, fejn l-istudenti kollha jgawdu valur u rispett. Dan jinkludi xogħol kollaborattiv fl-iskola u ma' aġenziji oħra, bħal Child Development Assessment Unit (CDAU), Ċentri ta' Riżorsi, NGOs u ambjenti terapewtiċi u edukattivi oħra;

xi. Jipparteċipa f'sessjonijiet ta' hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration u oħrajn fl-iskejjel, Resource Centres jew ċentri oħra fejn dawn is-servizzi jingħataw, biex jiġi assigurat l-aċċess għad-drittijiet edukattivi u personali tal-istudenti;

xii. Jippromovi f'kull ħin l-għanijiet, l-ethos u l-policies tal-iskola, il-Kulleġġ jew ir-Resource Centre fejn tkun qed taħdem u tagħti kontribut attiv bħala membru tal-istaff;

xiii. Jassisti fil-preparazzjoni, fid-disseminazzjoni u fl-użu tar-riżorsi tat-tagħlim u jiġi assigurat li dawn jinżammu dejjem aġġornati fil-klassi, fl-iskola, u fir-Resource Centres;

xiv. Jagħti għajnuna lill-istudent/i waqt attivitajiet barra mill-iskola li jinkludi esperjenzi fil-kommunità, fuq il-post tax-xogħol u f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla;

xv. Jinkorraġġixxi parteċipazzjoni fi proġetti tal-Unjoni Ewropea u proġetti oħra skont il-pjan ta' żvilupp tal-iskola u kif miftiehem mat-Tim tat-Tmexxija tal-iskola.

iv. Attends IEP and Individual Transition Plan (ITP) meetings;

v. Reviews IEPs, including recording and reporting progress of such IEP implementation on a regular basis;

vi. Supports the class teacher to prepares and writes the IEP document of every student with a statement in class;

vii. Assists in the preparation of educational materials and plays an active part in all the components of the instructional and educational process in class under the direction of the class teacher;

viii. In collaboration with the class teacher, participates in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included learners;

ix. Participates in the respective individual transition programmes to assist students as they move from one educational level to another, from school to school, and from school to work, handing over to other involved colleagues, all relevant information and documents so as to ensure a smooth transition for the student;

x. Promotes an inclusive community of learners, in collaboration with Head of Departments (Inclusion), specialists, resource workers, teachers, parents, students and other stakeholders, where all students are valued and respected. This includes collaborative work in school and with other agencies, such as the Child Development Assessment Unit (CDAU), Resource Centres, NGOs and other educational and therapeutic environments;

xi. Participates in hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration and other sessions, in schools, Resource Centres or other centres where such services are available, so as to ensure access to educational and personal entitlements of students;

xii. Promotes at all times the aims, ethos and policies of the school, College or Resource Centre deployed in, and actively working as a member of the staff team;

xiii. Assists in the preparation, dissemination and use of teaching resources ensures their upkeep in class, school and Resource Centres;

xiv. Supports student/s during activities held outside the school premises including experiences in the community, work places and other further and higher educational institutions;

xv. Encourages participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team.

b. Għajnuna Personali

Jagħti għajnuna lill-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali fil-kura u ndafa personali. Din l-għajnuna tinkludi:

i. il-qadi ta' bżonnijiet personali – tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li jwasslu l-istudenti sat-toilet, li jgħin lill-istudent jinża' u jilbes, li jnaddaf, jaħslu u jagħti shower u li jbiddilu s-sanitary towels u l-incontinence pads (ħrieqi);

ii. jieħu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq tal-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bil-qiegħda, inkluż id-dmir li jerfgħu l-istudenti u jmexxuhom fil-wheelchair kif ikun meħtieġ, skont ir-regolamenti tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà, u skont il-linji gwida internazzjonali. Dawn il-linji gwida huma:

a) irfigħ sa 27 kilogramm isir minn SLSE wieħed/waħda; irfigħ bejn 28 u 54 kilogramm (iż-żewġ valuri inklużi) isir minn żewg persuni; 'il fuq minn 54 kilogramm għandu jsir premezz ta' lift mekkaniku,

b) imbuttar ta' wheelchair sa 45 kilogramm isir darba kultant, sa 28 kilogramm isir ta' spiss, u sa 9 kilogrammi jsir skont il-ħtiega;

iii. Jiżgura li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukattiv u jkollhom l-aħjar sigurtà billi jagħtuhom għajnuna waqt ledukazzjoni fiżika, il-logħob, il-ħarġiet edukattivi u s-sessjonjiet ta' terapija, kif ukoll billi jagħtuhom jieklu b'mod normali fil-brejk ta' filgħodu, fil-brejk ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skont il-ħtieġa.

c. Dmirijiet waqt it-Transport

Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet tas-sid u x-xufier tal-vettura konċernata rigward is-sigurtà tal-passiġġieri u l-osservanza totali tal-liġi u rregolamenti relatattivi mat-trasport, SLSE jista' jintalab biex jaqdi dmirijet relatati mat-trasport tal-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali kif ikunu mfissra fl-istatement uffiċjali, jew skont kif ikun indikat mill-Kap tal-Iskola jew awtorità kompetenti oħra. F'dan il-każ, l-SLSE għandu:

i. Jgħin lill-istudenti jitilgħu u jinżlu minn vettura u, f'każijiet ta' studenti li huma f'wheelchair/buggy, ilibbsulhom iċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istess wheelchair/buggy u ċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istudent biex jassigura sigurtà waqt it-trasport;

ii. Iwettaq dmirijiet ta' sorveljanza tat-trasport tal-istudenti minn u lejn l-iskola kif meħtieġ matul il-ħinijiet normali tal-iskola. Dmirijiet ta' supervisjoni barra mill-ħin tal-iskola jitħallsu bir-rata stabbilita;

b. Personal Support

Supports students with individual educational needs in their personal care and hygiene needs. This includes:

i. Toileting - cleaning and washing, including accompanying the student to the toilet; undressing and dressing; cleaning, washing and showering; and changing of sanitary towels and incontinence pads;

ii. Seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting students and pushing students in wheelchairs according to Health and Safety Regulations issued under the Health and Safety Authority Act taking into consideration international guidelines. The present guidelines shall be:

a) lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one SLSE; lifting between 28 and 54 kilograms (both inclusive) shall be undertaken by two persons; beyond 54 kilograms, a mechanical lift is to be used,

b) pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally, up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms as necessary;

iii. Ensures the maximum educational benefit and safety for individual students at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-morning and mid-day breaks and at other times as required.

c. Transport-related Duties

Without prejudice to the obligations of the owner and driver of the vehicle concerned regarding the safety of passengers and the full observance of the law and regulations related to transport matters, an SLSE may be required to carry out transport-related duties, with student with individual educational needs, should the requirement be indicated by the official statement or by the Head of School or other competent authorities. In such cases, the SLSE shall:

i. Assists in the boarding and un-boarding of students on and off the transport vehicle and, in the case of students who are wheelchair/buggy users, put on the restraints on the wheelchair/buggy and also put on the passenger restraint on the students to ensure safety during transportation;

ii. Carry out transport supervision duties to and from school when the transport of pupils during normal school hours is necessary. Supervision duties carried out outside school hours shall be remunerated at the established rates.

iii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif jista' jkun meħtieġ;

iv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Hija r-responsabbiltà tal-SLSE li jassisti it-tagħlim u l-proċess tat-tagħlim immexxi mill-Għalliem, li Jippromovi l-indipendenza u t-twettiq tal-istudenti kollha, b'dikjarazzjoni tal-bżonnijiet rikonoxxuta jew le, f'kull esperjenzi u kuntesti ta' tagħlim f'kull ċiklu (Early, Junior, Sekondarja u Snin Għolja tas-Sekondarja) fi ħdan il-vjaġġ edukattiv. L-SLSE huwa mistenni li jikkollabora mill-qrib, u jkun iggwidat mill-għalliema, u professjonisti oħra li jistgħu jkunu qed jappoġġjaw dan l-isforz fi jew lil hinn mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-Senior Maniġment Tim tal-iskola, ukoll billi jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp ta' Komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż permezz tal-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-Iskola. L-SLSEs huma meħtieġa, kif applikabbli, biex iwettqu dmirijiet li jippermettu u/jew jappoġġjaw l-aċċess għat-tagħlim u l-valutazzjoni bi:

a) l-istudenti kollha fil-klassi; jew
b) individwu li jitgħallem fuq bażi full-time one-to-one; jew
c) studenti fiċ-Ċentri tar-Riżorsi.

SLSE huwa obbligat li jsegwi korsijiet ta' żvilupp professjonali, programmi ta' taħriġ in-service u/jew kors ta' induzzjoni, skont ir-rwol u l-funzjonijiet tiegħu kif indikat miż-żewġ Direttorati, mill-Kap tan-Network ta' Kulleġġ jew mill-Kap ta' Skola.

SLSE għandu jaddotta u jimplimenta l-pjan ta' żvilupp tal-iskola jew skejjel fejn qed jagħti servizz.

SLSE jkun mistenni li jaħdem skont il-bżonnijiet tal-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li jkunu statemented u jista' jiġi assenjat mid-Direttur Ġenerali ES biex tagħti servizz fi kwalunkwe kulleġġ, skola, resource centre, learning support centre jew istituzzjoni edukattiva f'Malta u/jew f'Għawdex skont l-esiġenzi ta' DG ES, inkluż fuq bażi shared f'aktar minn skola/ċentru/istituzzjoni waħda skont l-esiġenzi tas-servizz fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR).

Sabiex jiġi żgurat li l-intitolament u l-ħtiġiet ta' dawk li jitgħallmu, inklużi dawk li għandhom Dikjarazzjoni ta' Bżonnijiet full-time 1-1, jintlaħqu, MEYR jirriżerva d-dritt li jmexxi relieving LSEs skont il-ħtieġa tal-iskejjel.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

iii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

iv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

It is the responsibility of the SLSE to assist the teaching and learning process led by the Teacher, promoting independence and fulfilment of all learners, with or without a recognised statement of needs, in all learning experiences and contexts at all cycles (Early, Junior, Secondary and Upper Secondary Years) within the educational journey. The SLSE is expected to collaborate closely, and be guided by the teacher, and other professionals who may be supporting this endeavour within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team, also by engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning. SLSEs are required, as applicable, to preform duties which enable and/or support access to learning and assessment with:

a) all learners in the class; or
b) an individual learner on a full time one-to-one basis; or

c) learners in Resource Centres.

An SLSE is required to follow professional development courses, in-service training programmes, and/or an induction course as appropriate to his/her role and functions, as indicated by the Education Directorates, Head of College Network or Head of School.

An SLSE shall adopts and works towards the implementation of the school development plan of the particular school or schools s/he is giving service in.

An SLSE is required to works according to the individual educational needs of students with a statement and may be assigned by the DG ES to serve in any college, school, resource centre, learning support centre, or educational institution, including on a shared basis serving in more than one school/centre/institution, in Malta and/or Gozo according to the exigencies of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR).

In order to ensure that the entitlement and needs of learners, including those with a Full time 1-1 Statement of Needs, are met, MEYR reserves the right to deploy relieving LSEs according to the exigencies of the schools.

Eligibility Requirements

5.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; U

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (Degree) fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) jew kwalifika komparabbli; JEW

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the English and Maltese languages; AND;

iii. in possession of a recognised qualification (Degree) at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) or a comparable qualification; OR

iv. (a) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (Diploma) fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fl-Inclusive Education jew Early Childhood Education and Care jew Health Social Care jew Hospitality jew Administrative and Secretarial jew kwalifika komparabbli; U

(b) ikollhom erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju Livell 'O' grad A-C) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, li trid tinkludi l-Malti, il-Lingwa Ingliża, Matematika u kull suġġett ieħor. It-Test/ il-Kwalifika tal-Profiċjenza mhux se jiġi aċċettat minflok Livell 'O' u/jew SEC; JEW

v. (a) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (Certificate) fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 30 krettu tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fl-Inclusive Education jew Early Childhood Education and Care jew Health Social Care jew Hospitality jew Administrative and Secretarial jew kwalifika komparabbli; U

(b) ikollhom erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju Livell 'O' grad A-C) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, li trid tinkludi l-Malti, il-Lingwa Ingliża, Matematika u kull suġġett ieħor. It-Test/ il-Kwalifika tal-Profiċjenza mhux se jiġi aċċettat minflok Livell 'O' u/jew SEC, JEW

vi. (a) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu tal-ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fl-Early Childhood Education and Care jew Health and Social Care jew Hospitality jew Administrative and Secretarial jew kwalifika komparabbli**; U

(b) ikollhom erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju Livell 'O' grad A-C) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, li trid tinkludi l-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u kull suġġett ieħor. It-Test/ il-Kwalifika tal-Profiċjenza mhux ħa jiġi aċċettat minflok Livell 'O' u/jew SEC. JEW

vii. (a) fil-pussess ta' kwalunkwe suġġett fil-Livell ta' Matrikula Avvanzata Livell 'A' (A-E) kwalifiki rikonoxxuti fil-Livell 4 tal-MQF; U

(b) ikollhom erba' (4) passes fil-Livell Ordinarju Livell 'O' grad A-C) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF, li trid tinkludi l-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u kull suġġett ieħor. It-Test/ il-Kwalifika tal-Profiċjenza mhux ħa jiġi aċċettat minflok Livell 'O' u/jew SEC.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 30/60/120/180 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabbli), hekk kif applikabbli hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. (a) in possession of a recognised qualification (Diploma) at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Inclusive Education or Early Childhood Education and Care or Health Social Care or Hospitality or Administrative and Secretarial or a comparable qualification; AND

(b) have four (4) passes at Ordinary level 'O' Level grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3, which must include Maltese, English Language, Mathematics and any other subject. Proficiency Test/Qualification will not be accepted instead of 'O' Level and/or SEC; OR

v. (a) in possession of a recognised qualification (Certificate) at MQF Level 5 (subject to a minimum of 30 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Inclusive Education or Early Childhood Education and Care or Health Social Care or Hospitality or Administrative and Secretarial or a comparable qualification; AND

(b) have four (4) passes at Ordinary level 'O' Level grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3, which must include Maltese, English Language, Mathematics and any other subject. Proficiency Test/Qualification will not be accepted instead of 'O' Level and/or SEC, OR

vi. (a) in possession of a recognised qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in Early Childhood Education and Care or Health and Social Care or Hospitality or Administrative and Secretarial or a comparable** qualification; AND

(b) have four (4) passes at Ordinary level 'O' Level grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3, which must include Maltese, English Language, Mathematics and any other subject. Proficiency Test/Qualification will not be accepted instead of 'O' Level and/or SEC. OR

vii. (a) in possession of any subject at Advanced Matriculation Level 'A' Level (A-E) recognised qualifications at MQF Level 4; AND

(b) have four (4) passes at Ordinary level 'O' Level grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3, which must include Maltese, English Language, Mathematics and any other subject. Proficiency Test/Qualification will not be accepted instead of 'O' Level and/or SEC.

*A recognised Qualification comparable to 30/60/120/180 ECTS/ECVET credits (as applicable), as applicable is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

viii. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*.

*Kwalifiki ta' Masters rikonuxxuta b'minimu ta' 60 ECTS/ECVET kretti hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-

viii. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment.

5.2. (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 90 ECTS/ECVETS credits or equivalent*).

*A recognised Masters qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET is only accepted subject to an MFHEA formal Masters recognition statement being submitted with the application.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5. Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any

intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 400 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 200.

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

L-applikazzjonijiet riċevuti għad-data speċifikata hawn fuq se jkunu miġbura fi tliet (3) proċessi ta' għażla. Il-proċess

changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6. Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Education Recruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 400 and the pass mark is 200.

7.2. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1. Applications are to be submitted, for the attention of the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation through the Online Education Recruitment Portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th December, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

The applications received for the above specified date will be grouped in two (2) selection processes. The selection

tal-għażla jikkunsidra l-applikazzjonijiet riċevuti sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' dawn id-dati li ġejjin:

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru, 2022, u data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, 2022;

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, 2022, u data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru 2022;

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 2022, u data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022;

Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru, 2022, u data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 2022.

8.2. Minħabba l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkonsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru, 2022. Dawk l-applikanti magħżula jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultat tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

8.3. Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita u jibqgħu vakanzi, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikunu ssottomettew l-applikazzjoni sal-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 2022. Tiġi ppubblikata lista ta' ordni tal-mertu għal kull proċess tal-għażla. Kull lista ta' ordni tal-mertu li tiġi ppubblikata tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni.

8.4. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.5. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.6. L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

process will consider applications received by 5.15 p.m. (Central European Time) of the following dates:

Opening date: Friday, 4th November 2022, and closing date: Friday, 18th November 2022;

Opening date: Friday, 18th November, 2022, and closing date: Friday, 2nd December, 2022;

Opening date: Friday, 2nd December, 2022, and closing date: Friday, 16th December, 2022;

Opening date: Friday, 16th December, 2022, and closing date: Friday, 30th December, 2022.

8.2. Due to the exigencies of the Public Service, the selection process will initially consider applications received by 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 4th November, 2022. Successful candidates will be placed in an order of merit list which will remain valid for two (2) years from the date of publication or until the result list is exhausted, whichever is the earliest.

8.3. However, should the order of merit list be exhausted and vacancies remain, other applicants may be assessed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th December, 2022. An order of merit for each selection exercise will be published. Each order of merit list published will remain valid for one (1) year from date of publication.

8.4. It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.5. Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.6. Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;

pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Ottubru, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq Bażi Part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, l-MEYR jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1.1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, fuq perjodu definit fuq bażi part-time, kif u meta jkun meħtieġ.

1.2. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time f'wieħed jew aktar mis-suġġett/i/qasam/oqsma li jidhru hawn taħt:

Career Guidance Professionals
Financial Literacy
Photography
English all levels
English Essential Skills
English as a Foreign Language all levels
Maltese all levels
Maltese Essential Skills
Maltese as a Foreign Language all levels

the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

21st October, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Position of Part-time Adult Educator in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEYR adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1.1. The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), invites applications for the position of part-time Adult Educator in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, for a definite period on a part-time basis, as and when required.

1.2. Applicants may wish to apply for the position of part-time Adult Educator in one or more of the following subject/s/area/s:

Career Guidance Professionals
Financial Literacy
Photography
English all levels
English Essential Skills
English as a Foreign Language all levels
Maltese all levels
Maltese Essential Skills
Maltese as a Foreign Language all levels

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1. Persuna magħżula tiġi ingaġġata bħala Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dan l-ingaġġ ikun fuq bażi ta' kuntratt definit għal sena (1) skolastika jew anqas, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2. Il-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3. Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva, il-pożizzjoni ta' Edukatur għall-Adulti fuq bażi part-time hija skont ir-Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4. L-Edukaturi għall-Adulti ser jaħdmu fuq bażi part-time għal numru ta' siegħat fil-ġimgħa, liema numru ta' siegħat jiġi determinat qabel il-bidu tas-sena skolastika skont in-numru ta' applikanti li jkunu applikaw biex jattendu għall-korsijiet għall-adulti u/jew l-esiġenzi oħra li jistgħu jinqalgħu/jinbidlu minn żmien għal żmien.

2.5. Il-proviżjonijiet relatati dwar il-benefiċċji u entitlements skont kif imniżżla fil-Public Service Management Code bħal vacation leave u leave tal-mard, fil-każ ta' part-timers, huma fuq bażi prorata. Il-vacation leave jrid jittieħed matul il-btajjel stipulati mid-Direttorat.

2.6. Il-ġranet, il-ħinijiet u l-btajjel tal-kors ikunu kif stabbilit mid-Direttorat.

2.7. Id-Direttorat għall-Research Lifelong Learning and Employability (DRLE) fi ħdan MEYR joffri ħafna korsijiet f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, mit-Tnejn sas-Sibt, u f'postijiet differenti f'Malta u Għawdex u wkoll online. Skedi ta' ħinijiet differenti ta' korsijiet għall-adulti japplikaw biex jiżguraw li l-bżonnijiet kollha ta' min qed jitgħallem jintlaħqu.

2.8. Huwa rekwiżit li l-Edukaturi għall-Adulti tal-Lifelong Learning kollha jsegwu minimu ta' tnax-il (12) siegħa ta' żvilupp professjonali kontinwu, kull sena, fl-oqsma relatati mal-edukazzjoni għall-adulti jew is-suġġett rilevanti. Iċ-ċertifikati għandhom jiġu ppreżentati lid-DRLLE bħala evidenza. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Edukatur għall-Adulti li jiżgura li dan ir-rekwiżit jiġi sodisfatt.

2.9. Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill.

3.2 Persons employed as Executive Secretaries for the first time shall be placed on the second notch below the maximum of the respective scale. The Executive Secretary whose contract is renewed by the same Council shall not be subject to any other probation.

3.3 An Executive Secretary whose contract with the Council is terminated and enters into a new contract with a different Council, shall be subject to a probation for a period of one year and shall be paid the maximum of the relative salary scale.

3.4 An Executive Secretary is also entitled to the following benefits:

i. A Performance Bonus of up to a maximum of 15% in line with policy and procedures as in force from time to time and subject to satisfactory performance (up to 10% determined by the Council and up to a further 5% determined by the LGD).

ii. Disturbance Allowance of €1,500 per annum for Salary Scale 5, and €1,000 per annum for Salary Scale 6 and 7.

iii. All inclusive Communication Allowance of €815 per annum.

iv. All inclusive Transport Allowance of €1,000 per annum.

3.5 In the case of Public officers/Public Sector employees, they are entitled to:

i. retain all inherent rights enjoyed in the Public Service/ Public Sector during the engagement period with the Local Councils.

ii. retain their substantive grade/indefinite status with the Malta Public Service or Public Sector entity.

iii. have their period of appointment as Executive Secretary deemed as 'Service in the Grade' for the purpose of computation of length of service, seniority, salary, progression and, where applicable, for Treasury pension purposes.

3.6 Candidates who are public officers, i.e. those who hold an appointment in a post/position in terms of Article 110 of the Constitution, may only apply for vacancies for positions in a Council where the position is the same salary scale or higher than their current appointment.

Duties

4.1 The Executive Secretary is the executive, administrative and financial head of the Local Council.

Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv jinkludu:

(a) Joħroġ l-avviżi kollha, jipprepara l-aġenda b'konsultazzjoni mas-Sindku u jattendi l-laqgħat kollha;

(b) Jiddraftja u jiffirma l-Minuti tal-laqgħat tal-Kunsill jew kumitat;

(c) Jagħmel rapport amministrattiv dettaljat ta' kull sena lis-Sindku li min-naħa tiegħu jqiegħdu għall-approvazzjoni tal-Kunsill;

(d) Ilesti biex jitqiegħed quddiem il-Kunsill Estimi tad-Dħul u Ħruġ u Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja li tkun ġejja;

(e) Jagħmel kull dover amministrattiv ieħor kif ikun hemm bżonn, sakemm dawn l-istruzzjonijiet jaqgħu fil-parametri kif preskritt bil-Liġi u r-Regolamenti, skont il-policies deċiżi u delegati mill-Kunsill;

(f) Joħroġ kull ordni li tkun teħtieġ nefqa kif approvata mill-Kunsill;

(g) Itella' l-Aġenda, il-Minuti u l-Iskedi ta' Pagamenti fuq il-website tal-Kunsilli, kif mitlub bil-liġi;

(h) Jimxi strettament mal-Memos, Ċirkularijiet u Direttivi maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, u jidderieġi lill-Kunsill skont il-każ;

(i) Jirrapporta lid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) u jagħti r-rapporti kollha u kull dokumentazzjoni oħra kif mitlub, u jaderixxi ma' kull direttiva oħra maħruġa.

(j) Kull dmir ieħor skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Segretarju Permanenti u s-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji jinsabu fl-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363), Liġijiet ta' Malta.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

The duties of Executive Secretary include:

(a) Issue all notices, prepare the agenda in consultation with the Mayor and attend all meetings;

(b) Draw up and sign the Minutes of Council or committee meetings;

(c) Submit a detailed annual administrative report to the Mayor who shall submit it to the Council for its approval;

(d) Prepare for submission to the Council estimates of the income and expenditure and five year business plan of the Council for the next financial year;

(e) Carry out any other administrative duties as deemed necessary, subject that such instructions fall within the parameters as prescribed by Law and Regulations, in accordance with policies decided and delegated by the Council;

(f) Issue all orders bearing an expense as approved by the Council;

(g) Upload Agenda, Minutes and Schedule of Payments on the Local Councils' website as prescribed by law;

(h) Strictly adhere to all Memos, Circulars and Directives issued by the Local Government Division and direct the Local Council accordingly.

(i) Report to the Director General (Local Government) and submit all reports and any other documentation as required, and adhere to any other directive issued by the Division.

(j) Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by Director General (Local Government), Permanent Secretary, and the Principal Permanent Secretary.

Further details can be found on the Local Councils Act (Cap 363), Laws of Malta.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. proficjenti u kapaċi li jikkomunikaw b'mod effettiv kemm b'mod orali kif ukoll bil-miktub bil-lingwa Maltija, kif ukoll bil-lingwa Ingliża.

U

iii a. ikollhom Masters degree rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew Management jew f'suġġetti oħrajn relatati.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent bħala Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. Proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

AND

iii a. In possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in Business Administration and/or Management or in related subject areas.

*A recognised Masters qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MFHEA formal Masters recognition statement being submitted with the application.

JEW

b. ikollhom Baċellerat rikonoxxut f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti relatati oħrajn b'sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġetta għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

c. ikollhom Diploma rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti relatati b'ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifiki rikonoxxuti komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

d. ikollhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration u/jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti relatati b'seba' (7) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifiki rikonoxxuti komparabbli ma' 120 krettu ECTS/ECVET, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

e. Uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju minn 5 sa 7 (iż-żewġ Skali inklużi) u impjegati tas-Settur Pubbliku f'livell ta' responsabbiltà komparabbli, u li huma kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom.

JEW

f. Uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju 8 sa 11 (iż-żewġ Skali inklużi) u impjegati tas-Settur Pubbliku f'livell ta' responsabbiltà komparabbli, u li huma kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, bi tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

JEW

OR

b. In possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in Business Administration and/or Management or in related subject areas with two (2) years relevant work experience.

*A recognised Qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

OR

c. In possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, o equivalent*) in Business Administration and/or Management or in related subject areas with (5) years relevant work experience.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

OR

d. In possession of a recognised qualification MQF level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Business Administration and/or Management or in related subject areas with seven (7) years work experience.

*A recognised qualification comparable to 120 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

OR

e. Public officers in Salary Scales 5 to 7 (both Scales included) and Public Sector employees at a comparable level of responsibility, who are confirmed in their current appointment.

OR

f. Public officers in Salary Scales 8-11 (both Scales included) and Public Sector employees at a comparable level of responsibility, who are confirmed in their current appointment, with three (3) years relevant work experience.

OR

g. Dawk il-persuni li bħalissa qegħdin iservu ta' 'Aġent' jew 'Deputat Segretarju Eżekuttiv' f'kunsill lokali jew reġjonali sad-data tal-ħruġ ta' din is-sejħa.

iv. Uffiċjali pubbliċi li se jkunu qed japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jkunu diġà kkonfermati fl-ingaġġ attwali tagħhom.

5.2. (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 jew kif indikat f'paragrafu 5.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Mejju, 2023. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din irraġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikawx minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 5.1 jew 5.2.

5.4. L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku jew ħaddiema tal-RSSL, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal rapport ta' kwalunkwe perjodu ta' xogħol b'sigħat imnaqqsa jew fuq bażi part-time, leave mingħajr ħlas inkluż leave tal-mard mhux imħallas u/jew kwalunkwe

g. Those persons currently being an Acting or Deputy Executive Secretary in a local or regional council on the date of this call.

iv. Public officers applying for this Position must be confirmed in their current appointment

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 5.1(iii) eligibility requirements or else as indicated in paragraph 5.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st May, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 5.1(iii) and 5.2.

5.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the Position applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving. Whilst in the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service and RSSL employees, the HR Unit of the ministry/department issuing the call for application must request a record of any period of work on reduced hours or on a part-time basis, unpaid leave including unpaid sick leave and/or

perjodu ta' assenza mid-dmirijet tagħhom, kif ukoll rapport ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali rapport jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li qed iwettqu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal konferma mingħand id-Direttur responsabbli mill-Immaniġġjar tan-Nies tal-Ministeru (fejn l-applikanti qed iwettqu d-dmirijiet) li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f'dak il-ministeru. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni u jgħidu jekk qattx kienu fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji kollha.

any periods of absence from duties, and any records of any disciplinary action that may have been taken (in the absence of which it will be understood that no disciplinary action was ever taken). In the case of Public Sector employees performing duties in the Public Service, the HR Unit of the ministry/department issuing the call for application will request confirmation from the Director responsible for People Management of the Ministry (where applicants are performing duties) that they are officially performing duties in such Ministry. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.5. L-applikanti għandhom ikunu eliġibbli għall-kisba tal-ħatra tagħhom, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 Applicants must be eligible to take up their appointment, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.6. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat ikun għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit fi ħdan l-LGD (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) ma' kwalunkwe bidla fl-istatus għall-eliġġibiltà għall-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom sad-data tal-għeluq, jew meta jissejħu għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjoni, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla se jitlob lill-kandidat biex jiddikjara kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the LGD (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.7. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MFHEA fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MFHEA, jew awtoritajiet maħtura oħra, kif applikabbli, skont id-

dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa iktar 'l isfel).

5.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

Submission of Supporting Documents

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza dikjarati għandhom ikunu sostnuti minn ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew testimonjanzi, illi kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu żewġ referenzi aċċettabbli bil-miktub.

6.2. Applications shall include two acceptable written references.

6.3 L-oriġinali taċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi għandhom jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

6.3. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandha tindika liema Kunsill Lokali/Reġjonali fejn teżisti vakanza għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv.

7.2 Għandha tingħata wkoll informazzjoni lill-kandidati li, peress li jkunu ġew indikati mill-bord tal-għażla bħala adatti għall-pożizzjoni, skont l-istadju tal-intervista, ma jwasslux awtomatikament għal ħatra għall-pożizzjoni. Il-ħatra għandha tkun suġġetta għall-aċċettazzjoni minn qabel mill-Kunsill Lokali/Reġjonali rispettiv.

7.3 L-applikanti jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni ma' massimu ta' tliet lokalitajiet għal kull sejħa għal applikazzjoni, filwaqt li jindikaw il-preferenza tagħhom.

7.4 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija pożizzjoni suġġetta għal Objective Reason.

7.5 Kandidati li huma uffiċjali pubbliċi, jiġifieri li għandhom ħatra f'kariga/pożizzjoni skont l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, jistgħu japplikaw biss għal postijiet vakanti għal pożizzjonijiet f'kunsill lokali/reġjonali fejn il-pożizzjoni tkun fl-istess Skala ta' Salarju jew ogħla minn il-ħatra attwali tagħhom.

7.6 Il-bord tal-għażla għandu jkun kostitwit kif ġej:

i. Chairman, li jkun uffiċjal pubbliku minn ġewwa d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, nominat mis-Segretarju Permanenti rispettiv, u

ii. Żewġ membri mill-Bord Permanenti tal-Għażla tal-Ministeru responsabbli mill-Gvern Lokali

7.7 L-applikazzjonijiet riċevuti jiġu l-ewwel evalwati mill-bord tal-għażla skont il-kriterji tal-eliġibbiltà, f'termini tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.8 L-applikanti ineliġibbli jiġu infurmati mill-bord tal-għażla kif xieraq u bid-dritt tagħhom li jissottomettu rappreżentazzjonijiet quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn tali notifika.

7.9 Il-kandidati eliġibbli jiġu assessjati u intervistati mill-bord tal-għażla skont kriterji tal-għażla u sottokriterji approvati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.10 Ir-riżultat tal-proċess għandu jindika jekk il-kandidati humiex adekwati, jew mod ieħor, għall-pożizzjoni.

7.11 Ir-riżultat jiġi sottomess lis-Segretarju Permanenti responsabbli mill-Gvern Lokali għall-approvazzjoni, u wara dan il-kandidati eliġibbli jiġu infurmati jekk instabux adekwati jew mod ieħor.

Selection Procedures

7.1 The call for applications shall indicate the Local/ Regional Councils where a vacancy for the post of Executive Secretary exists.

7.2 Information shall also to be provided to candidates that, being indicated by the selection board as being suitable for the position, pursuant to the interview stage, does not automatically lead to appointment to the position. Appointment shall be subject to the prior acceptance by the respective Local/Regional Council.

7.3 Applicants may apply for a position in up to three localities under one call, indicating their preference.

7.4 The position of Executive Secretary is a position by Objective Reason.

7.5 Candidates who are public officers, i.e who hold appointment in a post/position in terms of Article 110 of the Constitution, may only apply for vacancies for positions in a local/regional council where the position is in the same salary scale or higher than their current appointment.

7.6 The selection board shall be constituted as follows:

i. Chairman, being a Public Officer from within the Local Government Division, nominated by the respective Permanent Secretary and

ii. Two members from the Standing Selection Panel of the Ministry responsible for Local Government

7.7 The applications received are first assessed by the selection board against the eligibility criteria, in terms of the call for applications.

7.8 Ineligible applicants are informed by the selection board accordingly and of their right to submit representations before the Public Service Commission within five working days of such notice.

7.9 Eligible candidates are assessed and interviewed by the selection board against selection criteria and sub- criteria approved by the Public Service Commission.

7.10 The outcome of the process should indicate the suitability of the candidates, or otherwise.

7.11 The result is submitted to the Permanent Secretary responsible for Local Government for approval, following which the eligible candidates are informed whether they have been found suitable or otherwise.

7.12 Kandidati li jinstabu mhux adekwati mill-bord tal-għażla jistgħu jissottomettu petizzjoni quddiem il-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li jkunu ġew infurmati bir-riżultat fir-rigward tagħhom.

7.13 L-ismijiet tal-kandidati li jinstabu adekwati mill-bord tal-għażla jintbagħtu lill-Kunsill rispettiv li jkun ġie indikat bħala preferenza mill-kandidat għal aċċettazzjoni eventwali jew mod ieħor mill-Kunsill.

7.14 Il-Kunsill għandu jirreferi l-isem tal-kandidat adekwat aċċettat lid-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) li għandu mbagħad jissottometti n-nomina lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għar-rakkomandazzjoni tagħha għall-ħatra tal-kandidat indikat skont l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

7.15 Mal-ħatra l-kandidat magħżul għandu, b'seħħ immedjat, jiġi assenjat mal-Kunsill partikolari fil-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv.

7.16 Meta l-kandidati adekwati jiġu riferuti lill-Kunsill u tinħareġ ħatra jew mod ieħor, il-proċess tal-għażla għall-pożizzjoni reklamata f'dak il-Kunsill għandu jitqies bħala magħluq u ma jkun hemm ebda kandidati oħra riferuti lill-Kunsill.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Gvern Lokali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

7.12 Candidates found unsuitable by the selection board may submit a petition before the Commission within ten working days from the date of their being informed of the result in their regard.

7.13 The names of the candidates found suitable by the selection board are forwarded to the respective Council which has been indicated as a preference by the candidate for eventual acceptance or otherwise by the Council.

7.14 The Council shall refer the name of the accepted suitable candidate to the Director General (Local Government) who shall in turn submit the nomination to the Public Service Commission for its recommendation for the appointment of the indicated candidate in terms of Article 110 of the Constitution.

7.15 Upon appointment the selected candidate shall with immediate effect be assigned with the particular Council in the position of Executive Secretary.

7.16 Once suitable candidates are referred to the Council and an appointment is issued or otherwise the selection process for the advertised position in that Council shall be deemed as closed and there shall be no further reference of any remaining candidates.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General, Local Government Division, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 4th November, 2022. A computer- generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (www.localgovernment.gov.mt), (+356) 2205 2300 u (hr.dlg@gov.mt).

Il-21 ta' Ottubru, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency), fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Il-pożizzjoni tista' tkun kofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp Rurali 2014 - 2020.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Manager (Paying Agency), li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency), hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Human Resources Unit at 26, Triq l-Arċisqof, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (www.localgovernment.gov.mt), (+356) 22052 300 and (hr.dlg@gov.mt).

21st October, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Position of Manager (Paying Agency) in the Ministry Agriculture, Fisheries and Animal Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the position of Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights. This position may be co-financed by the European Agricultural Fund for Rural Development 2014 - 2020.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Manager (Paying Agency), which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Manager (Paying Agency), is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għand bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency), huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €29,093.83 fl-2022), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

3.2 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall:

i) Performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salajru bażiku tagħha. Ir-rata attwali tiġi stabbilita' b'diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti (MAFA);

ii) Disturbance allowance (minflok overtime) ta' 15% tas-salarju rispettiv li jista', f'ċirkustanzi eċċezjonali u għall-perjodi speċifiċi kif awtorizzat mis-Segretarju Permanenti rispettiv, tista' tiżdied għal 25%. Din id-disturbance allowance ma tistax titħallas jekk l-uffiċjali jkunu qed jaħdmu fuq reduced hours jew kwalunkwe arranġament ta' telework; u

iii) Pro-rata responsibilty allowance, stabbilita għal 25% tal-iskala tas-salarju rispettiv.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) jinkludu li:

i. Jappoġġja l-operat tal-Aġenzija bi prestazzjoni ta' livell għoli skont kif assenjat f'waħda mill-funzjonijiet tal-Aġenzija u dan biex ix-xogħol jitwettaq b'mod effettiv u effiċjenti, kif ukoll jimplimenta u jesegwixxi skemi, programmi, miżuri u pagamenti ffinanzjati taħt l-EAGF u l-EAFRD, b'mod orjentat lejn il-klijent;

2.3 Since this position is time barred or linked to the completion of a specific task, the position of Manager (Paying Agency) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Salary attached to the position of Manager (Paying Agency) is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €29,093.83 in 2022), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one year service, whichever is the latter.

3.2 A selected candidate will also be entitled to:

i) A performance bonus of up to 10% of his/her basic salary. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary (MAFA);

ii) A disturbance allowance (in lieu of overtime) of 15% of the respective scale which may, in exceptional circumstances and specific periods duly authorised by the respective Permanent Secretary, be increased by 25%. The disturbance allowance shall not be payable to officers while they are working on reduced hours or on teleworking arrangements; and

iii) A pro-rata responsibility allowance flat at 25% of the respective salary scale.

Duties

4. The job duties for the position of Manager (Paying Agency) include:

i. Supports the Agency's operation by performing at a high-level as assigned within any one of its functions for the effective and efficient delivery of its business, to implement and execute schemes, programmes, measures and payments funded under the EAGF and the EAFRD, in a client-oriented manner;

ii. Jassumi sehem ewlieni fil-Kordinament ta' inizjattivi dwar il-politika fl-Aġenzija, inkluži dawk mibdijin fuq il-livell tal-UE, sabiex jassigura li tittieħed azzjoni deċisiva u f'waqtha biex tkun definita t-triq 'il quddiem u sabiex il-pjan jitwettaq fil-ħin u b'mod korrett fl-ambitu tar-riżorsi disponibbli, dejjem skont id-direzzjonijiet li jistgħu jingħataw mis-superjuri;

ii. Be responsible in a leading role in co-ordinating policy initiatives within the Agency, including those at EU level, so as to ensure that appropriate early and decisive action is undertaken to chart a way forward and execute this in a timely and correct manner within resource constraints, in line with such directions as may have been given by superiors;

iii. Jirrapreżenta lill-Aġenzija tal-Pagamenti, il-Ministeru responsabbli u/jew lil Malta kif u fejn meħtieġ, kemm fuq livell lokali, nazzjonali, internazzjonali jew tal-UE;

iii. Represents the Paying Agency, responsible Ministry and/or Malta as and where necessary, whether at local, national, international or at EU level;

iv. Iżomm lis-superjuri diretti u lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti infurmati dwar żviluppi fil-qasam assenjat lilu, kemm fil-Livell tal-UE, kif ukoll f'dak lokali, inkluži żviluppi politiċi, ekonomiċi, soċjali, tekniċi, xjentifiċi jew teknoloġiċi, flimkien ma' żviluppi organizzattivi li jistgħu jolqtu jew ikunu rilevanti għax-xogħol tal-Aġenzija tal-Pagamenti, il-funzjonijiet u l-akkreditazzjoni tagħha;

iv. Keeps direct superiors and the Director General of the Paying Agency informed of developments in the assigned area, whether at EU or on a domestic level, including potential, economic, social, technical, scientific or technological developments, as well as organisational developments that may impact or be relevant to the business of the Paying Agency, its functioning or accreditation;

v. Ifassal rapporti u briefs komprensivi, iżda fil-qosor, dwar oqsma relatati max-xogħol tal-Aġenzija li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, dan kemm meta mitluba u kif ukoll fuq inizjattiva personali;

v. Draws up succinct but comprehensive reports and briefs, both when requested or upon own initiative, on matters related to the Agency's business in his/her area of competence;

vi. Jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni li tkun fis-seħħ fil-qasam tal-kompetenza tagħha, inkluż inter alia r-Regolamenti tal-Kunsill 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 u 1308/2013 u atti relatati li jimplementaw jew li ġew delegati, kif ukoll leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti jew regoli, kif jista' jkun assenjat jew delegat mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti jew skont id-direzzjoni li tista' tingħata mis-superjuri;

vi. Implements the Common Agricultural Policy legislation in force in his/her area of competence, including inter alia EU Council Regulations 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 and 1308/2013 and the related implementing and delegated acts, as well as relevant national legislation or rules as may be assigned or delegated by the Director General of the Paying Agency or in line with such directions as may have been given by superiors

vii. Ifassal u jirrakkomanda lis-superjuri diretti tiegħu proċeduri amministrattivi effettivi għall-monitoraġġ u l-kontrolli meħtieġa sabiex tkun assigurata l-korrettezza u l-osservanza tal-iskadenzi fl-awtorizzazzjoni ta' claims taħt il-kompetenza tiegħu, u jassigura li dawn jiġu implimentati, esegwiti u rrapportati b'mod effiċjenti;

vii. Draws up and recommends to his/her direct superiors effective administrative monitoring and control procedures required in order to ensure correctness and timeliness for the authorisation of claims in his/her area of competence, and ensures that these are implemented, executed and reported upon in an efficient manner;

viii. Jikkontribwixxi għall-kisba ta' livelli għoljin ta' kontabilità u trasparenza billi jżomm rekords xierqa dwar id-deċiżjonijiet u t-transazzjonijiet li jsiru, u billi jipprovdi risposti effettivi u fil-ħin għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Audit Missions tal-Kummissjoni Ewropea, tad-Dipartiment għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jew tal-Ombudsman;

viii. Contributes to the Agency's high level of accountability and transparency by keeping appropriate records of decisions and transactions made, provides a timely and effective response to queries by Audit Missions from the European Commission, the Internal Audit and Investigations Department, the National Audit Office or the Ombudsman;

ix. Imexxi l-istaff assenjat lilu billi juri leadership u involviment hands-on fil-Kordinament u t-twettiq tal-attività fit-taqsimiet jew mill-istaff li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu u dan sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija kif stabbiliti mis-superjuri tiegħu, jmexxi wkoll l-uffiċjali fil-gradi kollha kif meħtieġ billi jagħti l-eżempju, u kif ukoll

ix. Manages assigned subordinates by demonstrating leadership and a hands-on approach in the coordination and performance of activities of the unit and/or personnel under his/her charge in order to meet the Agency's objectives as set by his/her superiors, leads officials in all grades in any task by example where necessary, as well as liaises effectively

billi jieħu sehem sħiħ bħala membru tas-senior management, inkluż billi jikkollabora b'mod effettiv ma' dipartimenti, entitajiet u persuni interessati oħra għan-nom tal-Aġenzija meta u kif meħtieġ;

x. Jimmaniġġja l-prestazzjoni ta' membri tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu, anke billi jasal fi ftehim magħhom dwar pjanijiet personali ta' prestazzjoni, jistabbilixxi miri u aspettativi ċari bbażati fuq miżuri tax-xogħol f'dawk il-pjanijiet, jagħmel monitoraġġ u jevalwa l-prestazzjoni, jipprovdi feedback regolari, jindika oqsma fejn jista' jsir titjib, u juża b'mod attiv l-għodda u l-mekkaniżmi disponibbli sabiex jimmotivahom u jikseb l-aħjar prestazzjoni, filwaqt li jassigura li l-istess proċess jitħaddem għall-ħaddiema li jaqgħu taħthom;

xi. Jagħmel kull kommunikazzjoni, informazzjoni jew azzjonijiet ta' taħriġ skont kif ikun hemm bżonn biex jassigura t-trasferiment effettiv tal-għarfien u l-ħiliet fost l-istaff jew persuni interessati oħra, anke bit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kampanji informattivi, promozzjonali u li jqajmu kuxjenza, skont direzzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti jew skont id-direzzjoni li tista' tingħata mis-superjuri;

xii. Jappoġġja u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' inizjattivi tal-Ministeru responsabbli, inklużi miżuri tal-manifest elettorali, miżuri għat-twettiq tal-estimi finanzjarji, miżuri ta' simplifkazzjoni jew regolazzjoni oħjar u inizjattivi u obbligi oħra tas-Servizz Pubbliku kif ikun meħtieġ;

xiii. Juri fi kwalunkwe sitwazzjoni u partikolarment meta jkunu qed jersqu l-iskadenzi tal-fondi, l-abbiltà u r-rieda li jaħdem taħt pressjoni, inkluż meta meħtieġ li jaħdem sat-tard, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi biex ilaħħaq mal-iskadenzi, u fejn meħtieġ li anke jsiefer fuq xogħol uffiċjali;

